**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Kump.198/96***

***Pulizija***
***Sp. (illum Kummissarju) John Rizzo***
***v***
***Jason Xuereb***

Illum 28 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi fis-seduta tal-lum il-Qorti ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront ta' l-imputat **Jason Xuereb**.

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat huma, fit-termini tal-Att tar-Rinviju tal-24 ta' Mejju 99, bazati fuq ir-reati ta' **Serq aggravat**, **Ricettazzjoni** u fil-konfront tal-imputat *Darren Micallef* ukoll ir-reati ta' **Komplicita' fil-Holqien ta' reat** u fil-konfront tal-imputat *Jason Xuereb* ukoll ir-reat ta' **Komplicita' f' Gurament Falz** u **Recidivita'.**

Illi f' dan il-kaz, il-Qorti tosserva li huwa ta' importanza determinanti l-principju legali skolpit fl-Artikolu 658 tal-Kap. 9 li hu fis-sens li stqarrija ta' imputat mghamula volontarjament skond il-ligi tghamel prova fil-**konfront tieghu biss**. L-importanza ta' dan il-principju f' dan il-kaz jimmanifesta ruhu stante li l-prova principali kontra l-imputati odjerni huma l-istqarrijiet rilaxxjati minnhom lill-pulizija.

Illi l-prova tal-volontarjieta' tal-istqarrijet saret sodisfacentement skond il-ligi u di fatti dina ma gietx kontestata fl-ebda hin mid-difiza. Ghaldaqstant il-Qorti ser tistrih fuq il-kontenut taghhom.

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-partijiet kollha relevanti tal-process u wasslet ghas-segwenti konkluzjonijiet.

***<u>Jason Xuereb</u>***

Illi fil-konfront ta' dan l-imputat il-Qorti hija tal-fehma li jikkonfigura r-reat ta' **Komplicita' fir-reat ta' Serq aggravat bil-hin, persuna u valur** kommess mill-imsemmi hanut fil-21 ta' Frar. Il-Qorti tosserva li l-imputat Xuereb ghen u assista lill-imsemmi Mario Muscat fil-kommissjoni ta' dan id-delitt. Il-partecipazzjoni attiva tieghu, u li tirrizulta ampjament mill-provi, ma thalli ebda dubbju dwar dan. Ghalhekk din il-parti tal-akkuzi tirrizulta provata skond il-ligi.

Illi dan ir-reat jeskludi r-reat ta' Ricettazzjoni relattivament ghall-istess oggetti tad-deheb li jifformaw l-oggett passiv tar-reat kommess dak in-nhar. Ghalhekk din il-parti tal-akkuzi ma tissussitix.

Illi rigward l-akkuza ta' Gurament falz, jew komplicita' fl-istess, din il-Qorti tosserva li dan ir-reat ampjament ma giex provat, u ghalhekk lanqas din il-parti tal-akkuza ma treggi.

Illi lanqas l-akkuza tar-recidivita' ma tirrizulta, stante li ma giet prodotta ebda prova f' dan ir-rigward.

***<u>Piena</u>***

Fil-konfront tal-imputat **Jason Xuereb** il-Qorti tosserva li mill-fedina penali tieghu jidher li dan l-imputat kien diga' nstab hati ta' reat tal-istess generu fis-sena 1991, izda mill-banda l-ohra l-fatt li huwa rritorna l-flus tad-deheb mibjugh minnu, kif ukoll il-kontenut favorevoli tal-ufficjal tal-probation jimmilitaw sabiex jirrendu opportuna piena karcerarja sospiza anki fil-konfront ta' dan l-imputat.

Il-Qorti, ghall-finijiet ta' piena, hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt posittiv li l-imputat ikkooperaw pienament mal-pulizija, liema kooperazzjoni wasslet sabiex jigi solvut il-kaz minn naha tal-pulizija.

***Decide***

Issib lill-imputat **Jason Xuereb** hati tal-akkuzi limitatament ghar-reat ta' **Komplicita' fir-reat ta' Serq aggravat bil-persuna, hin u valur**, u wara li rat l-Artikoli 42, 261©(d)(f), 267, 268 u 49 u 50 tal-Kap.9, tikkundannah ghal-piena ta' ***priguneriija ghal zmien sentejn sospizi ghal erba snin*** a tenur tal-Artikolu 28A tal-istess Kap.

Inoltre tpoggi lill-istess imputat **Jason Xuereb** taht ***is-supervizjoni tal-ufficjal tal-probation Carmen Nygard ghal zmien sentejn ai termini tal-Artikolu 28G Kap.9*** bl-obbligu li l-imputat jaderixxi ghall-kondizzjonijiet kollha indikati fl-Ordni tal-Probation annessa ma din is-sentenza u li giet iffirmata minnu wkoll. Ma ssibux hati tal-kumplament tal-akkuzi u tilliberah minnhom.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import u s-sinifikat tal-imsemmija provvedimenti, skond il-ligi.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***

***Vera Kopja***

***Bruno Zahra***
***Deputat Registratur***